# Inversi – Bit-Tama li Ninsa Dak Li Tlift

Matthew Schembri

Fl-aħħar ċena, madwarna,
xrobt dmugħek u kilt għadmek,
qalb is-sodod jongħosu bżajt il-mewt,
ma ttantak ħadd biex tbiddel profezitek
iżda bisuk fuq ħaddejk, imbagħad ittradewk;
l-ogħla professuri kkundannawk
u tawk is-sentenza ta' kalvarju
li tulu jien ġejt nimsaħlek wiċċek
b'maktur li reħa wiċċ barrani;
sammrulek l-injezzjonijiet f'idejk u riġlejk
u tawk id-daqqiet fi snienek u xagħrek
sallbuk f'kamra mimlija sodod, inti fin-nofs,
Inti xtaqt tgħid: "Mulej, lanqas ċans naħfirlek,
għax ma kontx naf x'qiegħda nagħmel!"
Jien għidtlek: "Jekk inti salvajtni,
salva lilek innifsek!" U għajnejk xtaqu qalulna:
"Tassew ingħidlkom, illum tkunu fl-infern mingħajri."
Mad-dalma għajjatt: "Ġismi, ġismi, għaliex tlaqtni?";
u meta għidt li kellek l-għatx
sqewk sponża oħra kimo u raġġi
u ma tawkx ċans tgħid tmiemek

u ħadt l-aħħar nifs
waqt li ma nqasmet l-ebda purtiera
l-ebda terremot ma seħħ
l-ebda professur ma tbellah
l-ebda awtopsja ma nifditek
l-ebda qabar ma żammek
u ma rġajtx lura
għax int alla u mhux ommi
u jien ibnek tas-seba' duluri.